## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR HUBERT GERADA) V. HUSAM HAMAD (IR. NR. 85)

(FALSIFIKAZZJONI TA' PASSAPORT - FALSIFIKAZZJONI U UZU TA' DOKUMENTI FFALSIFIKATI - KAP. 217, ART. 32(1)(F) - KAP. 61, ART. 5 - KAP. 9, ART. 189)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Husam Hamad ta' 32 sena, ta' nazzjonalità Iraqqina, iben Abdullah u Amina, imwieled Al-Inbar, l-Iraq nhar it-22 ta' April 1991, residenti l-Iraq u detentur ta' ċertifikat ċivili Iraqqini 85M ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha illum stess mixli illi:

fit-18 ta' Mejju, 2023, u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaporti, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

wara li rat li waqt is-seduta tal-lum meta nqraw lill-imputat l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, dan wieġeb li kien ħati,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara li rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Hubert Gerada
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Yanika Bugeja bħala avukat tal-għajnuna legali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Kap 61 Art. 5, Kap 9 Art. 189 u Kap 217 Art. 32(1)(f)) il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' sitt (6) xhur.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |